



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, is-7 ta' Frar 2019

Wara l-iskandlu "dieselgate", sar xi titjib fil-liġijiet tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-vetturi, iżda għad baqa' problemi, iwissu l-Awdituri

Skont Dokument Informattiv u Analitiku ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, wara li feġġ l-iskandlu "dieselgate", kien hemm xi titjib fil-liġijiet tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-vetturi, iżda għad baqa' problemi. L-awdituri jilqgħu t-titjib li sar fis-sorveljanza tas-suq, iżda jenfasizzaw li l-effettività ta' dan tiddependi fuq l-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri. Huma jwissu wkoll li l-manifatturi jistgħu jsibu modi kif iduru mas-sistemi l-ġodda ta' ttestjar li ġew introdotti, u li l-ambitu għall-ittestjar indipendenti minn partijiet terzi jista' jkun limitat minħabba l-ispejjeż għoljin involuti.

Fl-2015, l-hekk imsejjaħ skandlu "dieselgate" xeħet taħt lenti qawwija d-diskrepanzi bejn il-livelli ta' emissjonijiet tal-vetturi mkejla fil-laboratorju u dawk imkejla fit-triq, u żvela wkoll li xi manifatturi tal-karozzi kienu qed jużaw "apparat ta' manipulazzjoni" biex jipproduċu livelli ta' emissjonijiet ferm aktar baxxi matul it-testijiet uffiċjali milli taħt kundizzjonijiet ta' sewqan normali.

L-iskandlu "dieselgate" stimula lill-UE biex taċċellera l-inizjattivi leġislattivi li diġà kienu għaddejjin u biex tieħu azzjonijiet ġodda. Il-Parlament Ewropew nieda inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet u l-Kummissjoni Ewropea ħabbret pjanijiet biex isir titjib fid-*data* disponibbli dwar l-ittestjar tal-emissjonijiet tal-vetturi, peress li din hija limitata, frammentata u ma tistax tiġi aċċessata faċilment. Barra minn hekk, sar numru kbir ta' bidliet fil-kontrolli tal-emissjonijiet tal-vetturi fl-UE:

- il-Kummissjoni issa tista' teżamina x-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, tittestja l-vetturi hija stess, tirtira jew tissospendi l-approvazzjonijiet tat-tip, u timponi penali;
- l-ittestjar tal-vetturi li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni issa huwa obligatorju fl-Istati Membri tal-UE u jista' jitwettag ukoll minn partijiet terzi interessati;

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tad-dokument informattiv u analitiku maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Id-dokument sħiħ jinsab fuq www.eca.europa.eu.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors

eca.europa.eu

- ġew introdotti testijiet ġodda biex titnaqqas id-diskrepanza kbira bejn il-livelli ta' emissjonijiet ta' CO₂ (diossidu tal-karbonju) imkejla fil-laboratorju u dawk imkejla fit-triq, u biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' NO_x (ossidi tan-nitroġenu).

Billi ħafna mir-regoli l-ġodda għadhom ma daħlux kompletament fis-seħħ, kien għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk il-problemi ġewx riżolti. Minkejja dan, l-awdituri jiġbdu l-attenzjoni għal numru ta' problemi li s-sistema l-ġdida ta' ttestjar qed tiffaċċja.

“Aħna nilqgħu l-fatt li ttieħdu ċerti azzjonijiet, iżda t-titjib tal-kwalità tal-arja fiċ-ċentri tal-bliet jista' jieħu bosta snin, minħabba n-numru kbir ta' karozzi niġġiesa ħafna li diġà hemm fit-toroq,”
qal Samo Jereb, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għad-Dokument Informattiv u Analitiku. *“Minkejja li, sa issa, aktar minn 10 miljun vettura ġew irtirati mis-suq, id-data limitata disponibbli tindika li l-impatt fuq l-emissjonijiet ta' NO_x kien żgħir.”*

L-awdituri jgħidu li t-test il-ġdid tal-emissjonijiet ta' NO_x wassal għal tnaqqis sinifikanti ta' dawn l-emissjonijiet minn karozzi ġodda li jaħdmu bid-diżil, iżda l-impatt seta' kien anke akbar li kieku ġie adottat il-limitu temporanju ta' 128 mg/km propost inizjalment, minflok dak ta' 168 mg/km.

Fil-fehma tal-awdituri, irid jgħaddi ftit ta' żmien qabel ma t-titjib isir evidenti, u huma jidentifikaw numru ta' problemi:

- l-effettività tas-sorveljanza tas-suq se tkun tiddependi fuq l-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri;
- għalkemm il-leġiżlazzjoni tippredvi li jkun hemm monitoraġġ aħjar tad-diskrepanza bejn iċ-ċifri miksuba fil-laboratorju u l-emissjonijiet ta' CO₂/NO_x fit-triq, il-manifatturi jistgħu jsibu modi ġodda biex jadattaw l-emissjonijiet tal-vetturi tagħhom matul it-testijiet;
- l-ittestjar indipendenti minn partijiet terzi, li ġie introdott dan l-aħħar, jista' jkun limitat minħabba l-ispejjeż għoljin involuti.

Nota lill-Edituri

Dokument Informattiv u Analitiku mhuwiex rapport tal-awditjar, iżda analiżi bbażata fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku u fuq ix-xogħol tal-awdituri fil-qasam tal-politika.

Id-dokument informattiv u analitiku tal-QEA intitolat “Ir-rispons tal-UE għall-iskandlu “dieselgate”” huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu) bi 23 lingwa tal-UE.